**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBÀ LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 61**

14 ta' Marzu 2019

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Floriana, fil-5.00 ta' wara nofsinhar.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI :- | | |
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |
| SKUŻAT:- | 0 | |

| | |
|---|---|
| UFFIĊJAL PREŻENTI :- | |
| M' Lourdes Lautier | Segretarju Eżekuttiv |

## M I N U T I

Is-Sindku DSH ppresediet il-laqgħa.

**61.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

61.1.1 Ma kienex hemm ittri t' apoloġija.
Is-Sindku DSH infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsillier Adkien ser jittardja minħabba sitwazzjoni ta' saħħa fil-familja.

**61.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

61.2.1 Tressqu l-minuti tal-laqgħa miżmuma fit-8 ta' Frar 2019 (59 -7L) li kienu ġew iċċirkolati minn qabel.

61.2.1.1 Il- Viċi Sindku VB ppropona l-approvazzjoni tal-minuti issekondat mill-Kunsillier JAE.

61.2.1.2 Ittieħed vot bir-riżultat ikun: Favur : 5(DSH, VB,JAE, AD u AGS)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

61.2.2 Tressqu l-minuti tal-Laqgħa Straordinarja miżmuma fl-14 ta' Frar 2019 (58 – 7L) li kienu ġew iċċirkolati minn qabel.

61.2.2.1 Il- Viċi Sindku VB ppropona l-approvazzjoni tal-minuti issekondat mill-Kunsillier AGS.

61.2.2.2 Ittieħed vot bir-riżultat ikun: Favur : 4(DSH, VB, AD, AGS)
Kontra: 0
Astensjonijiet: JAE peress li ma kienx attenda din il-laqgħa.

**61.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

61.3.1 **Development Planning Fund – Awtorità tal-Ippjanar**

Saret preżentazzjoni mill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar reviżjoni fid-Development Planning Fund fejn fost affarijiet oħra ġie ndikat li il-perijodu ta' proġetti li ser isiru minn fondi allokati issa, ser ikun possibbli li ssir estensjoni tiegħu fiż-żmien ta' dak proġett kif ukoll li l-fondi jistgħu ikun rimbursati fi stadji matul il-proġett u mhux fl-aħħar. Dawn il-fondi joffru opportunitajiet ta' investiment f' ambjent aktar sostenibbli u titjib fil-kwalita tal-ħajja tar-residenti.

61.3.2 **Benchmark - National Performance Indicators**

Ser isir eżeċizzju nazzjonali ta' Performance Indicators fejn il-Kunsilli jkunu jistgħu jevalwaw is-suċċess tagħhom biex jilħqu miri stabbilti.

Dan ser isir fl-oqsma ta' l-iskart li jiġi ġenerat minn kull dar, biex isir magħruf kemm hu l-persentaġġ minn dan li jiġi riċiklat; fuq l-indafa tat-toroq u fl-ambjent fir-rigward ta' skart, skart ieħor mormi illegalment, debris, posters u graffiti; u l-manutenzzjoni fejn meħtieġ ta' toroq prinċipali.

61.3.3 **Protezzjoni tad-Data**

In segwitu taċ-Ċirkolari AKL 2019/010, kif ukoll Ċirkolari DG/K/02/2019 maħruġa mid-Direttur Ġenerali (DG - GL), wara l-laqgħa f' Sant' Anġlu fil-25 ta' Jannar 2019, il-Kunsill kien formalment ikkonferma li d–Data Protection Officer tal-Kunsill hu s-Sur Godwin Azzopardi (GA) filwaqt li d-Data Controller hi s-SE. Il-Kummissarju tal-Protezzoni tad-Data kien avżat b' dan u kkonferma n-nomina.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn GA lill-Kunsill fejn bażikament spjega li dan ir-rwol jirrikjedi ħin u speċjaliżżazzjoni partikolari fis-suġġett u dan wara li kien attenda kors qasir.

Il-punti mqajjma minnu ntabgħtu lid- DG – GL u lill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsili Lokali, fejn id-Direttur Ġenerali rrisponda li kien obbligu tal-Kunsill li jinnomina uffiċjal u li ser jiġi organiżżat training bla ħlas aktar tard din is-sena u ser tingħata assistenza.

Invista tal-osservazzjonjiet imressqa minnu, il-membri preżenti qablu li dan ir-rwol jista jkun offrut fuq skala Reġjonali, kif fil-fatt qed joffri r-Reġjun f' oqsma oħra.

Din il-materja ser titressaq a konjizzjoni tar-Reġjun Xlokk fil-laqgħa li jmiss fil-21 ta' Marzu 2019.

61.3.4 **Justin Attard**

Wara konsultazzjoni mal-Avukat tal-Kunsill u l-approvazzjoni tal-Kunsill fl-aħħar laqgħa, saru addizzjonijiet fil-mandat relattiv.

61.3.5 **Talba għal tiġdid ta' telework**

Il-Kunsill saritlu talba minn impjegat tal-Kunsill biex jiġi mġedded il-kuntratt tal-telework għal-sena oħra.

Il-membri preżenti unanimament qabblu li l-ftehim jiġi mġedded u għandu jkun infurmat id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar din id-deċiżjoni.

61.3.6 **Talba għal tiġdid ta' telework**

Intant il-Kunsill irrefera għat-talba oħra li saritlu minn impjegat tal-Kunsill ix-xahar ta' qabel biex jiġi mġedded il-kuntratt tal-telework. Il-membri ġew infurmati li l-kuntratt kien jiskadi f' Awissu 2019, għalhekk il-membri preżenti qablu li din it-talba trid issir skont ir-regolamenti stabbiliti cioe' sa xagħrejn qabel u mhux issa għax għadu kmieni wisq.

Il-membri preżenti ġew infurmati li l-imsemmi impjegat ser jirritorna għax-xogħol fil-11 t' April 2019.

61.3.7 **Urban Greening Project 2019**

Il-Ministeru responsabbli mill-Ambjent għażel lil dan il-Kunsill biex jipparteċipa fil-proġett imsemmi.

Il-Kunsill intalab li jressaq proposta ta' kif bi ħsiebu jżejjen l-ambjent permezz ta' siġar u arbuxelli.

Peress li ġia hemm ħafna ġonna u siġar fil-lokali, il-Kunsill verbalment propona li jippreferi li jżejjen permezz ta' arbuxelli fi planters kbar fi Pjazza Robert Samut u Pjazza Papa Ġwanni XXIII , oħrajn f' xi toroq u tisqija tal-istess u l-introduzzjoni ta' sistema ta' irigazzjoni għal-Ġnien Preziosi u li l-ħamrija tiegħu tiġi miljorata.

Filwaqt li Ambjent Malta qabel ma' din il-proposta, issa l-Kunsill irid iressaq kwotazzjonijiet għal dan imsemmi sa €30,000.00 u jersaq għal Memorandum of Understanding fid-29 ta' Marzu 2019.

Il-proġett irid ikun komplut sal-aħħar ta' din is-sena.

61.3.8 **Ħsara wara l-maltempata**
Il-maltempata li laqtet il-gżejjer bejn it-23 u l-24 ta' Frar 2019, ikkaġunat it-tiġrif tal-gallerija miftuħa tal-Kunsill li hemm fi Triq San Publiju.
Sar rapport lill-Pulizija u lill-awtoritajiet konċernati.
Intalbet kwotazzjoni tal-ħsara li ser tiġi mgħoddija lill-kumpanija tal-assikurazzjoni.

61.3.9 **Laqgħa mas-Segretarju Permamenti Prinċipali**
Il-Viċi Sindku VB kien għadu kemm attenda dakinhar stess laqgħa tal-Valletta Management Unit.
Il-Kunsill ġie rikjest li jitlob laqgħa mas-Segretarju Permamenti Prinċipali sabiex jitressqu proposti favur il-Floriana fi ħdan Valletta Management Unit.

61.3.10 **Żvilupp u Implimentazzjoni ta' Strateġiji Kulturali għall-Kunsilli Lokali u Reġjonali**
Id- DG – GL ħabbar l-inizzjattiva msemmija fejn il-GL issieħeb mal-Kunsill Malti għall-Arti biex isir proġett iffinanzjat mill-Programm Operattiv tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014 – 2020 sabiex jiġu identikati u żviluppati stratregiji kulturali reġjonali id f' id mal-Kunsilli Lokali u r-Reġjuni. B' hekk attivitajiet kulturali jħallu impatt effettiv fuq il-komunitajiet u taħriġ relattiv.
Il-parteċipazzjoni tal-Kunsilli hija kruċjali għas-suċċess ta' din l-inizjattiva u ġew mitluba jikkontribwixxu biex dan il-proġett ikun suċċess.

## 61.4 Rapporti

Ma kienx hemm rapporti.

## 61.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

61.5.1 Il-Kunsillier JAE ilmenta minn ħmieġ, ħsara fil-pjanti u periklu minn knaten mħollija mill-kiosks fuq il-Fosos wara li spiċċa l-Karnival.

**Nota 5:30 pm Daħal il-Kunsillier AD**

Għalhekk ġie deċiż li dawn l-imenti jitressqu mill-Kunsill fl-ewwel laqgħa li jkollha ma' Festivals Malta sabiex dawn l-affarijiet kemm jista' jkun ma' jirrepetux ruħhom sena oħra.

61.5.2 **Parking għall-Arċipriet**
Ġie a konjizzjoni tal-Kunsill li Kunsilli oħra provdew parking bays apposta għall-kleru.
Il-Kunsill ser jerġa' jiriattiva t-talba tiegħu ma' Transport Malta f' dan ir-rigward peress li din kienet miċħuda minn TM dak iż-żmien.

61.5.3 **Tiswijiet ta' Galleriji**
Il-Kunsillier JAE talab li terġgħa tintbagħat tfakkira lis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Fondi Ewropej sabiex wara li tħabbar li din l-iskema iġġeddet, għandu jikkonsidra li din tkun applikabbli għal lokalita' tal-Floriana wkoll.

## 61.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

Ma kienx hemm rapporti.

## 61.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

61.7.1 **Approvazzjoni - Skeda ta' Pagamenti**
61.7.1.1 Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 48/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel il-laqgħa.

61.7.1.2 Wara mozzjoni mressqa mill- Kunsillier AD u ssekondata mill-Viċi Sindku VB, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ndikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur *nem con*.

61.7.2 **Approvazzjoni - Skeda ta' Petty Cash**
61.7.2.1 Is-Sindku DSH ippreżentat l-aħħar skeda ta' petty cash datata 8 ta' Marzu 2019.

61.7.2.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u ssekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-infieq mill-Petty Cash, bir-riżultat ikun favur *nem con*.

**61.8 MOZZJONIJIET**

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

.

**61.9 OFFERTI PUBBLIĊI**

61.9.1 **Ġbir ta' skart riċiklat – Proposta – Ċirkukari DLG 3/2019**

Wara li l-Kunsill kien talab kwotazzjonijiet dwar ġbir ta' skart riċiklat mingħand żewġ operaturi ewlenin in segwitu taċ-Ċirkulari 3/2019 maħruġa mid-Direttur responsabbli għall-Gvern Lokali, irċieva kwotazzjoni waħda biss – mingħand GreenMT, filwaqt li GreenPak ikkonferma formalment li ma kienx issotometta proposta.

Green MT propona skema ta' €21,433.00, relattivi għall-spejjeż diretti, ekwivalenti għal €24.89 kull dar okkupata jew, €10.54 per capita fil-Floriana, u tkun valida għal- sentejn.

Il-membri preżenti kkunsidraw din il-proposta u approvawha unanimament.

61.9.2 **WasteServ – Ftehim**

Wara li l-Kunsill kien issottemetta skeda tal-ġbir tal-iskart lil WasteServ fit-12 t' Ottubru 2018 u wara laqgħa li saret fis-6 ta' Marzu 2019, il-membri preżenti kkonfermaw din l-iskeda sabiex issa tkun imniżżla u regolata bil-liġi relattiva li ser tiġi pubblikat dalwaqt.

Minn issa, din l-iskeda tkun tista' tinbidel biss b' approvazzjoni tal-Parlament.

61.9.3 **Gabbana fil-Ġnien Re George V**

Tresqet talba mill-operatur tal-gabbana li hemm fil-Ġnien Re George V sabiex jingħata permess li t-twieqi tagħha jsiru kulur l-injam, filwaqt li l-aluminium l-art u l-bank mad-dawra tagħħa (minn taħt it-twieqi sa l-art) ikun jista' jagħmilhom griż ċar.

Din it-talba saret a bażi tal-kundizzjonijiet relattivi li hemm stipulati fil-konċessjoni.

Il-membri preżenti laqgħu dawn ir-rikjesti.

61.9.4 **Proġett KG V – Tender FLC/T/5/2018**

Il-Bord tal-Aġudikazzjoni tal-imsemmi tender preżenta r-rikomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill favur l-offerent 000105099 versu €104,098.05 eskluż il-VAT.

Il-membri preżenti unanimament approvaw din ir-rikomandazzjoni.

61.9.5 **Proġett KG V - Tender FLC/T/1/2019**

Dan it-tender infetaħ u kien hemm żewġ offerti.

Il-bord tal-aġudikazzjoni talab li l-parti teknika tal-offerti li ġew preżentati jintbagħtu lill-Enġineer inkarigat biex jara humiex konformi teknikament, liema rapport wara jiġi utilizzat mill-bord tal-aġudikazzjoni biex ikun jista jipproċessa l-offerti biex evantwalment jasal għal rikomandazzjoni lill-Kunsill.

61.9.6 **Proġett KG V - Kwotazzjoni - CCTV**

Filwaqt li ġia nġabbru xi kwotazzjonijiet, għad jonqos kumpanija li talbet biex tiġi mdawwra mal-post qabel tissottometti kwotazzjoni.

61.9.7 **Proġett KG V - Tender FLC/T/7/2018**

Dan it-Tender infetaħ u kien hemm offerta waħda.

Il-bord tal-aġudikazzjoni talab li l-parti teknika tal-offerta li ġiet preżentata tintbagħat lill-Perit inkarigat biex jara hiex konformi teknikament, liema rapport wara jiġi utilizzat mill-bord tal-aġudikazzjoni biex ikun jista jipproċessa l-offerta biex evantwalment jasal għal rikomandazzjoni lill-Kunsill.

61.9.8 **Proġett KG V - Tender FLC/T/6R/2018**

Illum kien l-aħħar jum li seta' jidħol appell. Imiss il-konferma formali tal-PCRB u fil-każ li ma kien hemm appell, il-Kunsill ikun jista' jitlob lill-Ministru responsabbli biex dan it-tender ikun jista' jingħata b' Direct Order a bażi ta' l-Att tal-Kunsilli Lokali, Local Councils Financial Regulations; Local Councils Procurement Regulations and Guidelines; Public Procurement Regulations; Ċirkulari MFIN Circular 03/2013 tal-10 ta' Ġunju 2013; u PPN 32, tad-19 ta' Ġunju 2017.

61.9.9 **Tender - FLC/T/6R/2018**

Il-Bord tal-Aġudikazzjoni tal-imsemmi tender preżenta r-rikomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill favur l-offerent 000105079 versu €9994 eskluż il-VAT.
Il-membri preżenti unanimament approvaw din ir-rikomandazzjoni.

61.9.10 **Kwotazzjoni għal-Tibdil ta' bozoz dekorattivi maqtugħa fi Triq Sant' Anna**

Il-Kunsill kien talab tlett kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol iżda rċieva tnejn biss.
Dawn ġew mitqiesa mill-membri preżenti li kkonkludew u qabblu li jagħżlu u japprovaw il-kwotazzjoni b'referenza 0055 datata 11 ta' Marzu 2019, cioe'

| | |
|---|---|
| Bdil ta' kull holder | € 1.20 |
| Bdil ta' kull bozza | € 1.30 |
| 3 Ħaddiema f'daqqa kull siegħa | €30.00 |
| High-Up – kull ġurnata | €60.00 |

Fejn jiġu wżati bozoz li għandu l-Kunsill bħalissa, dawn ser jitwaħħlu b' xejn.
Dawn il-prezzijiet huma eskluz il-VAT.
Intant is-Sindku DSS semmiet li l-Għaqda tal-Armar ta' Barra qed tgħid li l-Kunsill ma jridx isewwi dawn il-bozoz u rrimarkat li din l-għaqda fejn taf x' ikun għaddej fil-Kunsill. Filfatt, il-Kunsill kien qed jistenna l-kwotazzjonijiet skont il-liġi qabel jibda x-xogħol, kif fil-fatt ġew preżentati llum.
Il-xogħol ta' kafkaf li sar minn amministrazzjoni preċedenti sar mhux skont is-sengħa u l-arti tant li l-wires bdew jinħarqu għax ma kienux saru ħoxnin biżżejjed biex jifilħu għal-load.
Il-Kunsill ikkonferma li meta jippermettu l-fondi, ġia hemm propost li ssir sistema ġdida totalent.
Uffiċjal tekniku tal-EneMalta li mar fuq il-post wara li kien hemm ħruq irrimark li dan għandu jinbidel kollu kemm jista' jkun malajr.

61.9.11 **Ħruġ ta' Tender għal Accounting Services**

Peress li dan it-tender wasal biex jiskadi, il-membri approvaw li tinħareġ sejħa għal dan is-servizz.

## 61.10 KORRISPONDENZA

61.10.1 **Step Up for Parkinsons**

Il-membri ikkunsidraw ir-rikjesta sottomessa minn Step Up for Parkinsons fl-20 ta' Frar 2019 fejn intalab li jingħataw spazzju fil-Kunsill u siġġijiet waqt li l-għaqda toffri insurance, mużika u bibiti.
Waqt li l-membri qabblu li lesti joffru l-ispazzju rikjest, staqsew jekk min jattendi jkollomx problemi t' aċċessibilità.
Staqsew ukoll jekk l-għaqda hiex lesta li tħallas overtime għal-impjegat tal-Kunsill għall-ftugħ u l-għeluq tal-Kunsill cioe' fis-6:30pm u fit-8:00pm.

61.10.2 **Skola Primarja Floriana - Sports Day -17 ta' Mejju 2019**

Fuq talba tal-Assistent Kap tal-Iskola Primarja tal-Floriana, il-Kunsill qabel li ser jisponserja l-medalji għall-Isports Day ta' din is-sena tal-istess skola.

61.10.3 **Alberta**

Saret talba minn Alberta sabiex jiġi armat truck kbir, fuq il-Fosos fejn hemm parking lot li jappartjeni lill-Transport Malta, minn fejn din il-kumpanija ser torganizza live demos dwar is-servizzi.
Il-Kunsill ikkunsidra li f' din id-data cioe' fl-24 ta' Mejju 2019, aktarx li f' dan l-ispazzju jista' jkun hemm armar ta' xi mass meeting ta' xi partit politiku peress li din inzertat lejliet il-kampanja tal-elezzjonijet għal-Parlament Ewropej.

61.10.4 **Malta Society for the Protection of Cruelty to Animals - użu ta' spazzju biswit l-Awtorita' tal-Ippjanar**

MSPCA talbet lill-Kunsill sabiex tkun tista tuża spazzju biswit l-Awtorita' tal-Ippjanar.
Ġie nnutat li dan l-ispazzju mhux fir-responsabilta' tal-Kunsill pero' ser jissuġerixxi li jkunu sħab fl-isforz tal-Kunsill sabiex isir dog park fl-ispazzju fuq ix-xaqliba l-oħra ta' Pjazza Sant' Anna.

61.10.5 **Deputat Segretarju tal-Kunsill**

Saret riferenza għall-korripsondenza mibgħuta mid-Dipartiment – Gvern Lokali dwar l-approvazzjoni tan-nomina tas-Sur Svetlic Flores biex jaġixxi bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv.
Il-membri preżenti kkonfermaw li għalissa l-Kunsill ser iżomm lis-Sur Flores f' din il-kariga.

**61.11 Jum il-Floriana (i)**

61.11.1 Din is-sena Jum il-Floriana ser jinżamm il-Ġimgħa, 26 t' April 2019 fir-Robert Samut Hall.
Il-membri intalbu jippreparaw in-nomini tagħhom waqt li l-banners ta' dawk nominati ser jiddendlu fi Triq il-Miratur.
Is-sejħa tan-nominazzjonijiet għanda tinfetaħ minnufih u n-nomini jintlaqgħu sal-5 t'April 2019.
Il-Bord tal-għażla ser ikun kompost mill-istess individwi tas-sena li għaddiet.

61.11.2 Il-Kunsillier AGS talab li l-materja li jmiss cioe' ismijiet proposti għan-nominazzjoni tiġi diskussa wara li jirtira mil-laqgħa peress li għandu konflitt t' interess; il-membri kollha preżenti qabblu miegħu.

61.11.3 Is-Sindku DSH qalet li wara l-quddies jitpoġġew fjuri mal-Vara ta' San Publju.

Il-Kunsillier JAE rrimarka li din is-sena mhux ser ikun possibili li hu joqgħod mal-apparat waqt is-serata u li jrid jinġieb laptop tal-Kunsill dakinhar.

**61.12 Festival tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkaniżżat**

61.12.1 Il-membri preżenti ġew infurmati bl-andament tal-preparazzjonijiet għal dan il-festival.

61.12.2 **Tapit**
Il-Kunsill ikkunsidra l-budget allokat għat-tapit fejn ikkonfermaw li din għandha tkun €2000 komplessivament.

61.12.3 Sabiex jiġi evitat li jsiru aktar toqob fil-fosos, bi prova għal din is-sena, ser jintalbu kwotazzjonijiet għall-blokki tal-konkos li ser iżommu l-arbli ta' dan it-tapit f' posthom.

61.12.4 Tresqet korrispondenza mis-Sur Emmanuel Vella minn Santa Maria Fireworks Complex tal-Imġarr (Malta) fejn offra s-servizzi tiegħu waqt dan il-Festival fir-rigward kif jingħataw il-punti relattivi fuq pariri tekniċi u fuq il-kuluri .
Il-membri preżenti qablu li ma kienux ser jikkunsidraw din it-talba peress li l-Kunsill dejjem appunta esperti pirotekniċi barranin.

**61.13 Festa ta' San Publju**

5.13.1 Il-membri preżenti, bħala kull sena, talbu li jiġu mistiedna għall-festa ta' San Publju il-Comune di Macerata li magħhom dan il-Kunsill hu ġemellat.

**61.14 Saint Patrick' s Day**

Il-membri preżenti lmentaw minn konkorrenza fqira waqt dan l-avveniment u ssuġġerew li għandu jiġi kunsidrat x' irid ikun li jattira n-nies biex tkun aktar attrajenti u vijabbli, waqt li ssemmew esebizzjoni, żfin u mużika Irlandiża waqt li kkomparaw il-konkorenza ta' dik organiżżata f' San Ġiljan imtella minn organiżżaturi stabbiliti.

**61.15 Proġett tal-Ġnien Re George V**

Aktar il-fuq (61.9) hemm indikat l-andament/progress ta' dan il-proġett

**61.16 Isle of M T V (IoMTV)**

Ġie mħabbar li din is-sena dan il-festival ser jinżamm fid-9 ta' Lulju 2019 meta l-iskola tkun waqfet għal-vaganzi tas-sajf u li għalhekk it-tfal mhux ser ibgħatu l-ebda inkonvenjent.
Ġie propost li Harper Lane ikun riservat għal parking tar-residenti biss filwaqt li għal- laqgħa li jmiss (tal-IoMTV) ġie propost li jkun hemm preżenti wkoll uffiżżjali tal-LESA.

**<u>Nota 6.55pm Il-Kunsillier AGS talab li jirtira mill-laqgħa.</u>**

Hawnhekk il-membri preżenti qabblu fuq id-data tal-laqgħa li jmiss qabel ma proprju rtira mill-laqgħa l-Kunsillier AGS.

**61.11 Jum il-Floriana (ii)**

61.11.2.1 Hekk kif irtira l- Kunsillier AGS kompliet din id-diskussjoni billi ġew proposti nomini fosthom mill-qasam tal-arti/kitba, mill-qasam tal-isport; tal-istorja; reliġjuż; soċjali; u nomina ta' mara.

61.11.2.2 Wara diskussjoni, il-membri preżenti unanimament proponew is-segwenti personaġġi li tagħhom ser isiru l-banners fi Triq il-Miratur u cioe' Roberta Farrugia Nichol (DJ/mara), Zaren Alamango (sportiv), Paul Ellul (kittieb), Hannibal Scicluna (storiku),Patri Stephen Magri (reliġjuż) u George Grech (tabib/soċjali).

61.11.3 Il-Viċi Sindku VB semma li fid-9 ta' Mejju jiġi mfakkar Jum it-Twelid tal-Floriana.
Wara l-quddiesa tas-6:30pm il-Kunsill ser iqiegħed fjuri fuq monument, għalhekk is-Sindku ssuġeriet li din is-sena biex xieraq, jintgħażel dak ta' Pietro Floriani.
Il-Kunsill għandu jinforma lill-għaqdiet lokali b' dan, kif ukoll li jitlob lill-Banda Vilhena biex tipprovdi *trumpeters* li jdoqqu l-Last Post ma' dan il-monument.

**61.19** **Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**
Il-laqgħa ntemmet fis-7:05pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta, 9 t'April 2019 fil-5.00 ta' filgħaxija.

**Konfermati, llum 9 ta' Marzu 2019**

*firmati*
Davina Sammut Hili
Sindku

*firmati*
M'Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv